# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 8**

**Rikors numru 76/15 JRM**

**Ivan Gerald Zammit**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u PS Ramon Mifsud**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Awwissu 2016 li permezz tiegħu r-rikorrent Ivan Gerald Zammit qed jitlob lil din il-qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u sussegwentement tirrinvija l-atti tal-kawża u tordna l-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kawża.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Ottubru, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent talab li din il-Qorti (i) issib li l-arrest tiegħu u l-mod kif twettaq fit-22 ta' Settembru, 2015, kien jikser il-jedd fundamentali tiegħu kif imħares bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") kaġun it-tort tal-intimati jew min minnhom; (ii) issib li fl-okkażjoni tal-istess arrest u sakemm dam hekk arrestat huwa ngħata trattament inuman u degradanti bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu kif imħares bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni; (iii) issib li, bi ħtija tal-imġiba tal-intimati, ġarrab ksur tal-jedd tiegħu tat-tgawdija għall-ħarsien tal-intimita' ta' ħwejġu bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu kif imħares bl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (iv) tikkundanna lill-intimati bi ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikoli 34, 36 u 38 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 5, 3 u 8 tal-Konvenzjoni; (v) tillikwida d-danni mġarrbin minnu u tordna lill-intimati jħallsuh id-danni hekk likwidati; u (vi) li tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq skond il-liġi;
>
> "Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet il-kawża għas-smigħ tal-4 ta' Novembru, 2015;
>
> "Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fit-3 ta' Novembru, 2015, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba, kif jgħid ir-rikorrenti innifsu fir-rikors promotur, huwa kien irrikorra għal proċeduri kriminali kontra l-intimat Ramon Mifsud u għalhekk wera li għandu rimedju ordinarju biex jikseb rimedju għall-ilmenti tiegħu. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;
>
> "Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2015[1], li bih tat lill-intimat Mifsud żmien biex iressaq it-Tweġiba tiegħu għat-talbiet tar-rikorrent;
>
> "Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat PS 928 Ramon Mifsud fit-30 ta' Novembru, 2015, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni tar-rikorrent tressqet qabel waqtha minħabba li bil-proċeduri mnedija mir-rikorrent innifsu u l-investigazzjoni li qiegħed iwettaq l-intimat Kummissarju tal-Pulizija

[1] Paġ. 41 tal-proċess

minħabba dawk il-proċeduri, ir-rikorrent jista' jingħata r-rimedju għall-ilmenti kollha mressqin minnu f'din il-kawża u għalhekk ma kellux għalfejn jirrikorri għall-proċeduri ta' xejra kostituzzjonali. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

"Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2015[2], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, titqies l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

"Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

"Rat il-provvediment tagħha tas-16 ta' Marzu, 2016[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet talba magħmula mir-rikorrent waqt is-smigħ tad-9 ta' Diċembru, 2015, biex tneħħi mill-atti tal-kawża t-Tweġiba mressqa mill-intimat Ramon Mifsud minħabba li daħħlet wara ż-żmien li kienet tagħtu l-Qorti biex jagħmel dan;

"Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li bil-mod u fiċ-ċirkostanzi kif huwa kien arrestat fit-22 ta' Settembru, 2015, u matul il-ħin li huwa nżamm hekk arrestat, ġarrab ksur ta' jeddijiet fundamentali tiegħu li ma jkunx arrestat b'mod arbitrarju u illegali, li ma jingħatax trattament inuman jew degradanti u li jgawdi l-ħarsien tal-intimat' tal-persuna tiegħu u ta' ħwejġu. Huwa jrid li l-intimati jitqiesu ħatja tal-ksur tal-imsemmija jeddijiet fil-konfront tiegħu u li jingħata kumpens għad-danni mġarrbin minnu minħabba mġibithom;

"Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija laqa' billi, b'mod preliminari, qal li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba, kif jgħid ir-rikorrenti innifsu fir-rikors promotur, huwa kien irrikorra għal proċeduri kriminali kontra l-intimat Ramon Mifsud u

[2] Paġ. 51 tal-proċess
[3] Paġġ. 65 sa 70 tal-proċess

għalhekk wera li għandu rimedju ordinarju biex jikseb rimedju għall-ilmenti tiegħu. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

"Illi l-intimat Ramon Mifsud ukoll laqa' b'eċċezzjoni preliminari billi qal li l-azzjoni tar-rikorrent tressqet qabel waqtha minħabba li bil-proċeduri mnedija mir-rikorrent innifsu u l-investigazzjoni li qiegħed iwettaq l-intimat Kummissarju tal-Pulizija minħabba dawk il-proċeduri, ir-rikorrent jista' jingħata r-rimedju għall-ilmenti kollha mressqin minnu f'din il-kawża u għalhekk ma kellux għalfejn jirrikorri għall-proċeduri ta' xejra kostituzzjonali. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

"Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, għalkemm wieħed jista' jqis li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat l-ieħor Mifsud tixbahha u hija wkoll stedina biex il-Qorti tqis jekk ir-rikorrent għandux jew inqediex bir-rimedji 'ordinarji' li tagħtih il-liġi biex jikseb rimedju għall-ilmenti tiegħu;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u safejn rilevanti għas-sentenza tallum, jirriżulta li r-rikorrent imexxi stabiliment bl-isem ta' "Collections" f'numru 46, Triq ix-Xatt, il-Gżira. Fit-22 ta' Settembru tal-2015, għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart ta' filgħaxija (19.45) inqala' argument dwar vettura tiegħu li kienet ipparkjata quddiem il-ħanut tiegħu u vettura oħra li sidtha riedet toħroġ minn fejn kienet tinsab imma li allegat li ma setgħetx tagħmel dan minħabba l-vettura tar-rikorrent;

"Illi minħabba li l-vettura tar-rikorrent kienet ipparkjata f'post xieraq u minħabba t-ton li bih sidt il-vettura l-oħra kellmitu, ir-rikorrent ma riedx iċaqlaq il-vettura tiegħu minn fejn kienet. Sidt il-vettura l-oħra u persuna oħra li kienet magħha, marru u ġabu l-għajnuna tal-Pulizija li, nzerta, skwadra minnhom kienet fil-qrib;

"Illi l-intimat Mifsud kien jagħmel minn din is-skwadra tar-*Rapid Intervention Unit*;

"Illi wara li r-rikorrent irrifjuta li jċaqlaq il-vettura tiegħu minkejja li mitlub mill-Pulizija, inqala' argument fuq affarijiet oħrajn li kien hemm quddiem il-ħanut tiegħu u l-Pulizija arrestat lir-rikorrent;

"Illi r-rikorrent ittieħed l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema immanettjat ġol-karozza tal-Pulizija. Huwa jgħid li l-manetti tant kienu issikkati li kellu ġrieħi ħfief f'waħda minn idejh[4]. Huwa dam miżmum mill-Pulizija madwar tliet sigħat u nofs (3.5)[5]. Matul il-ħin li nżamm arrestat, f'ċella tal-Għassa, itteħidlu l-*mobile phone* ċellulari tiegħu mill-pussess tiegħu. Meta tħalla jitlaq mill-Għassa dakinhar filgħaxija, ingħata lura ċ-ċellulari;

[4] Dok "A", f'paġ. 16 tal-proċess
[5] Dikjarazzjoni tar-rikorrent f'paġ. 12 tal-proċess

"Illi l-għada, fit-23 ta' Settembru, 2015, ir-rikorrent kellem lill-Ispettur Jesmond Micallef u irrapportalu x'kien għadda minnu lejliet;

"Illi fl-24 ta' Settembru, 2015, huwa ntalab imur fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija u ħalla stqarrija dwar dak li kien ġara[6]. Jumejn wara, l-Ispettur Jesmond Micallef (l-istess Spettur li quddiemu r-rikorrent kien ħalla l-istqarrija tiegħu) ħa l-istqarrija ta' membri tal-familja tar-rikorrent[7];

"Illi fis-16 ta' Ottubru, 2015, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

"Illi fit-2 ta' Novembru, 2015[8], ir-rikorrent ressaq kwerela lis-Suprintendent Jeffrey Azzopardi biex jitolbu jieħu l-passi meħtieġa bil-Qorti għall-ksur ta' bosta dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali marbuta mal-arrest u ż-żamma tiegħu. B'riżultat tal-imsemmija kwerela ittieħdu passi dixxiplinari kontra l-intimat Mifsud[9];

"Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jitolbu li l-Qorti tqisha fid-dawl tal-istadju bikri li fih għadu jinsab il-każ imressaq quddiemha. Il-Qorti tagħraf li l-għadd ta' drabi li din l-eċċezzjoni qiegħda titqajjem kiber mal-għadd ta' kawżi dwar ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali li qegħdin ta' kuljum jitressqu quddiem din il-Qorti;

"Illi l-Qorti tħoss li huwa tajjeb li ttenni li l-ilmenti tar-rikorrent jinbnew fuq tliet jeddijiet. Ewlieni huwa dak dwar l-arrest illegali. Marbut ma' dan hemm it-trattament li minnu jilminta sakemm dam hekk arrestat u t-tielet wieħed jirrigwarda t-teħid tal-*mobile phone* mill-pussess tiegħu sakemm dam arrestat u l-jedd li jgawdi l-ħarsien tal-intimita' tal-persuna tiegħu u ta' ħwejġu. Ir-rikorrent isejjes l-azzjoni tiegħu kemm fuq il-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq il-Konvenzjoni. Il-Qorti tinnota li l-eċċezzjoni taħt eżami tirrigwarda kemm l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u kif ukoll l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

"Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jsejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-fatt li r-rikorrent innifsu irrikorra għal rimedji 'ordinarji' li tagħtih il-liġi u nqeda bihom. Jisħaq ukoll li fl-imsemmija proċeduri r-rikorrent invoka bosta dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li, f'każ li jħallu eżitu favurih, jipprovdu wkoll għal rimedji ta' fejda għalih u mhux biss għal provvedimenti kontra l-intimat Mifsud. Huwa jgħid li proċedura bħal dik kienet tagħtih rimedju xieraq u effettiv li tindirizza l-ilmenti tiegħu;

"Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent iwarrab l-argumenti tal-intimat billi jgħid li l-passi li ħa ma jindirizzawx l-ilmenti tiegħu u lanqas jikkostitwixxu mqar rimedju ordinarju biżżejjed biex jingħata l-kumpens li jixraqlu;

[6] Dok "B", f'paġġ. 17 sa 20 tal-proċess
[7] Dokti "Ċ" sa "Ġ", f'paġġ. 21 sa 30 tal-proċess
[8] Dok "JM", f'paġġ. 56 – 8 tal-proċess
[9] Xhieda tal-ispettur Jesmond Micallef f'paġ. 61 tal-proċess

"Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[10]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[11] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[12];

"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[13]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[14]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd

---

[10] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[11] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[12] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[13] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[14] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[15];

"Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji oħra li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrent tassew kellu dak ir-rimedju u li naqas li jinqeda bih;

"Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[16]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

"Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[17]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[18];

[15] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***
[16] K Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights</u> (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2
[17] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[18] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

"Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[19];

"Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[20]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[21]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[22];

"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi

---

[19] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>Theory & Practice of the European Convention on Human Rights</u> (4th. Edit, 2006), pġ. 133

[20] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[21] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[22] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[23];

"Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[24]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[25] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed imexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

"Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita' ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[26] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[27];

"Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit dan l-aħħar f'kawżi li jolqtu lil Malta[28];

"Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed ta' allegat ksur "kostituzzjonali", immirat li tinkiseb dikjarazzjoni ta' arrest illegali u trattament mhux xieraq. L-azzjoni mhix qegħda titlob it-tħassir ta' xi liġi jew ta' xi provvediment b'saħħa ta' liġi;

---

[23] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[24] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[25] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni
[26] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***
[27] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku***
[28] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72

"Illi min-naħa tagħhom, l-intimati wrew li jeżistu bosta dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali li, meta mwettqin sewwa (minn organi amministrattivi u ġudizzjarji), jagħtu rimedji fejjieda u diretti lill-parti mġarrba bħalma huwa r-rikorrent. Dawn id-dispożizzjonijiet invokahom ir-rikorrent innifsu meta ressaq il-kwerela tiegħu fil-mori tal-kawża;

"Illi din l-imġiba tar-rikorrent, fil-fehma tal-Qorti, isseddaq is-saħħa tal-eċċezzjoni taħt eżami. Dan għaliex bil-mod kif ir-rikorrent għażel li jimxi, wera li jemmen huwa wkoll li l-proċeduri maħsuba fil-liġi 'ordinarja' jistgħu jagħtuh ir-rimedju li huwa qiegħed jitlob f'din il-kawża. Li kieku ma kienx hekk, ma kien jagħmel l-ebda sens li, minkejja li fetaħ din il-kawża, f'anqas minn xahar wara, kien qiegħed jitlob l-istess rimedji bi proċediment bħal dak. Minbarra f'dan, mill-provi mismugħa sa dan il-waqt, ħareġ ukoll li l-Korp tal-Pulizija beda proċeduri dixxiplinari fil-konfront tal-intimat Mifsud u mhuwiex eskluż li jittieħdu wkoll proċeduri bil-Qorti. Dawn ukoll huma proċeduri li l-istess rikorrent sata' u għadu jista' jieħu[29];

"Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija taha raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tiegħu li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji oħrajn tajba dwar l-ilment tiegħu. Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

"**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat** Kummissarju tal-Pulizija u taċċetta l-istedina tiegħu li l-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġuni li r-rikorrent għandu rimedju "ordinarju" mogħti lilu mil-liġi li jista' jinqeda bih qabel ma jdur għall-proċedura bħal fil-kawża tallum; u

"**Teħles lill-intimati** milli jibqgħu aktar fil-kawża, **bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.**".

## <u>Rikors tal-appell tar-rikorrent Ivan Gerald Zammit (24.08.2016)</u>

**3.** Ir-rikorrent Ivan Gerald Zammit ħass ruħu aggravat bis-sentenza

[29] Art. 541 tal-Kap 9

preliminari tal-ewwel Qorti li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija u aċċettat l-istedina tiegħu li hija tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skont il-*proviso* tal-Aritkolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu "rimedju ordinarju" mogħti lilu mil-liġi li seta' inqeda bih qabel irrikorra għall-proċedura odjerna.

**4.** Huwa jsostni li l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta ddeċidiet li huwa kellu rimedji ordinarji a disposizzjoni tiegħu fir-rigward ta' dawk l-allegati ksur ta' drittijiet fundamentali u għas-salvagwardja tagħhom. Jargumenta li hija biss il-qorti mogħnija b'kompetenza kostituzzjonali li tista' tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' ksur tad-disposizzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali fir-rigward tad-drittijiet fundamentali mħaddnin minnhom rispettivament. Jilmenta illi proċeduri oħra sekondarji ma joffru ebda rimedju għall-ksur ta' tali drittijiet.

**<u>Risposta tal-Appell tal-Kummissarju tal-Pulizija (02.09.2016)</u>**

**5.** Il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**6.** Huwa jsostni illi l-aggravju tar-rikorrent appellant huwa għal kollox infondat u insostenibbli għaliex skont l-interpretazzjoni tiegħu jiġi li l-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 huma superfluwi. Jaċċenna għall-fatt li l-*provisos* in kwistjoni jitkellmu fuq rimedji ordinarji (u cioe` rimedji taħt liġijiet oħra) a disposizzjoni tal-persuna li qed tallega li ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tagħha.

**7.** Fir-rigward tal-imsemmija *provisos,* il-Kummissarju tal-Pulizija jirreferi għall-insenjament li joħroġ mill-ġurisprudenza u dottrina legali li wasslet l-ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha, *inter alia*:

- li l-eżistenza ta' rimedju ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali;

- li d-diskrezzjoni tal-qorti għandha tiġi eżerċitata b'mod li minn naħa waħda kawżi li setgħu tressqu quddiem qrati kompetenti ma jispiċċawx quddiem qrati ta' indoli kostituzzjonali, u minn naħa l-oħra persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni;

- li r-rimedju għandu jkun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat;

• li biex jitqies bħala effettiv, m'hemmx għalfejn jintwera li r-rimedju l-ieħor se jagħti success garantit.

**8.** Huwa jaċċenna għall-fatt li permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent appellant talab:

(a) li jiġi dikjarat illi l-arrest tiegħu fit-22 ta' Settembru 2015 jivvjola:

(i) l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni (protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbtirarja);

(ii) l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni (trattament inuman u degradanti);

(iii) l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (protezzjoni għall-intimita` tal-proprjeta`); u

(b) li jiġu likwidati d-danni allegatament sofferti minnu u li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh l-istess, kif ukoll li jingħata kull provvediment ieħor li jidher xieraq lill-qorti.

**9.** Jgħid illi mir-rikors promutur stess jirriżulta li r-rikorrent appellant

irrikorra għal "*process kriminali fil-konfront tal-konvenut PS 928 Ramon Mifsud l-membri tal-RIU* (Rapid Intervention Unit) *u dan sabiex jagħti bidu ħalli ssir id-debita investigazzjoni skont il-liġi*".

**10.** Jispjega li mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda tal-ispettur Jesmond Micallef, jirriżulta li r-rikorrent appellant għamel *complaint* verbali u sussegwentement kwerela formali dwar dan l-episodju, u li ġie informat li wara d-debita investigazzjoni kienu ser jittieħdu passi dixxiplinarji (iżda mhux kriminali) kontra l-intimat PS Ramon Mifsud. Jaċċenna għall-fatt li fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2016 l-ispettur Jesmond Micallef xehed li f'dan ir-rigward ma kien hemm l-ebda "*challenge*" da parti tar-rikorrent kwerelant.

**11.** Jenfasizza l-fatt illi f'każ bħal dan fejn ġie deċiż li ma jittieħdux passi kriminali fil-konfront tal-PS Ramon Mifsud, ir-rikorrent kellu l-fakolta` li jirrikorri għall-*"challenge proceedings"* kontemplati fl-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali. Jispjega li din il-proċedura tagħti poter lill-qorti biex tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija jew biex tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jibda proċeduri kontra l-PS Ramon Mifsud. Jispjega wkoll l-Artikolu 541(3) jipprovdi għal dritt ta' appell minn tali deċiżjoni. Jaċċenna għall-fatt li f'każ ta' ordni biex jitressaq il-PS Mifsud, dan irid iwieġeb għall-akkużi, fosthom skont l-Artikoli 138, 139A u 141, u f'każ ta' sejbien ta' ħtija jistgħu jiġu likwidati danni skont l-

Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

**12.** Inoltre in kwantu r-rikorrent appellant f'dawn il-proċeduri qed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, jaċċenna għall-fatt illi għandu rimedji ordinarji disponibbli għalih quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

**13.** Għaldaqstant isostni li applikati l-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern, l-ewwel Qorti kienet korretta meta dehrilha li r-rikorrent kellu (u għad għandu) rimedji oħrajn dwar il-lanjanzi tiegħu u konsegwentement għażlet li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali (u konvenzjonali) tagħha.

**<u>Risposta tal-appell tal-intimat PS 928 Ramon Mifsud (04.10.2016):</u>**

**14.** L-intimat appellat Mifsud wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata *in toto* u li l-appell odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant u li di piu` għandu jiġi dikjarat frivolu u vessatorju.

**15.** Fl-ewwel lok josserva li l-aggravju tar-rikorrent appellant huwa wieħed "*skeletriku*" fejn filwaqt li jisħaq li l-ewwel Qorti għamet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi lanqas biss ittanta jissustanzja l-argument tiegħu.

**16.** Jgħid li r-rikorrent qed jonqos milli jagħraf li l-"*exhaustion rule"* hija waħda mis-sisien tas-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, u jsostni li tali regola hija mhux biss doveruża u rigoruża fl-applikazzjoni tagħha, iżda tiġi mħaddma wkoll fil-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB):

> "*The only remedies which Article 35 of the Convention requires to be exhausted are those that relate to the breaches alleged, and at the same time, are available and sufficient*".[30]

**17.** Ikompli jgħid illi bħal ma appellant quddiem il-QEDB għandu l-obbligu li jaderixxi ruħu mal-"*exhaustion rule*", isegwi li anke r-rikorrent fil-proċeduri ta' pajjiżu, għandu l-obbligu li jutilizza r-rimedji ordinarji kollha, purche` jistgħu jagħtu rimedju effettiv u ġust.

**18.** L-intimat appellat isostni li tant hemm provvedimenti tajba u effettivi fi ħdan il-Kodiċi Kriminali nostran, li kien proprju l-istess rikorrent appellant li invokahom fil-kwerela minnu magħmula u mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipproċedi kontra tiegħu (l-intimat appellat).

**19.** Jargumenta illi barra r-rimedju ta' natura penali disponibbli għar-rikorrent appellant direttament kontra tiegħu, l-intimat, (liema rimedju

[30] Selmouni v France 1999-V; 29 EHRR 403 para 75 hekk kif ċitat Law of the European Convention on Human Rights 3rd Ed., Harris, *O'Boyle* & Warbrick, Oxford folio 52

huwa beda jħaddmu skont il-liġi, pero` għal raġunijiet magħrufa lilu biss, waqaf) kellu wkoll rimedju ta' natura ċivili għad-danni kemm kontra tiegħu u kif ukoll kontra l-intimat l-ieħor, Kummissarju tal-Pulizija. Jgħid li seta' wkoll jagħmel ilment mal-Police Board imwaqqaf bil-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta.

**20.** Jaċċenna għall-fatt illi r-rikorrent appellant għoġbu jibda juża r-rimedju taħt il-Kodiċi Kriminali (meta għamel il-kwerela) u jargumenta illi meta l-Kummissarju għażel li ma jibdiex proċeduri kriminali kontrih l-istess rikorrent appellant kellu rimedju ieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (*challenge proceedings*) iżda għażel li ma jħaddmux.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**21.** L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* relattiv jipprovdu hekk:

> "*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> "*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra*".

**22.** L-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:

> "*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> "*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra*".

**23.** Fl-appell tiegħu huwa jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet "*interpretazzjoni ħażina tal-liġi*" meta kkonkludiet li kellu rimedju ordinarju fir-rigward tal-allegati ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Jargumenta li hija biss qorti mogħnija b'kompetenza kostituzzjonali li tista' tiddeċiedi dwar dan l-allegat ksur u jilmenta li proċeduri ordinarji ma joffru l-ebda rimedju għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

**24.** Invece huwa r-rikorrent appellant li qed jagħmel interpretazzjoni ħażina tal-*provisos* relattivi u jgħid tajjeb il-Kummissarju tal-Pulizija fir-risposta tal-appell tiegħu illi kieku l-interpretazzjoni tar-rikorrent appellant kienet minnha, kieku l-istess *provisos* kienu jkunu superfluwi.

**25.** Fil-fatt fil-kawża fl-ismijiet **John Sammut v. Awtorita` tal-Ippjanar et**, deċiża fis-27 ta' Frar 2003, din il-Qorti diversament komposta rriteniet hekk:

"*Il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx neċessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara proċedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 kienu jkunu superfluwi jew adirittura bla sens. In fatti dana l-proviso adirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali ("…għall-ksur allegat…) iżda li minkejja dan "…mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skont xi liġi…oħra.." favur il-vittma.*

"*Kif din il-Qorti – u anke il-Prim Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha - kellha okkażjoni li tfisser diversi drabi, l-applikazzjoni o meno ta' dan il-proviso hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero` bħal kull diskrezzjoni, din għandha tiġi eżerċitata b' mod korrett u tkun diretta għall-iskop li ried jilħaq il-leġislatur. Il-leġislatur ma riedx li jsiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn; mill-banda l-oħra dan il-proviso m'għandux jintuża biex ċittadin jiġi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher prima facie li għandu każ serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem ieħor, id-diskrezzjoni taħt l-imsemmi proviso għandha dejjem tiġi wżata fl-aħħar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex min-naħa l-waħda l-Prim Awla u din il-Qorti ma jiġux inundati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn qrati oħra jew li għalihom ikun hemm rimedju effettiv taħt xi liġi oħra, u min-naħa l-oħra ċ-ċittadin ma jiġix ipprivat mir-rimedji li hu għandu dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319*".

**26.** Issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju 2006 fil-kawża fl-ismijiet **Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur ta-Qrati tal-Ġustizzja** l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)[31] insenjat hekk:

"*Rikorsi kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u addottata qabel ma l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikun provdut u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu*".

[31] Imħallef Tonio Mallia

**27.** Issa fir-rikors odjern, ir-rikorrent jilmenta li fit-22 ta' Settembru 2015 (meta nżamm mill-Pulizija għal madwar sagħtejn u nofs) huwa kien vittma ta' arrest arbitrarju u illegali, u li waqt tali arrest huwa sofra trattament mhux xieraq. Peress li jsostni li b'hekk inkisru d-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, huwa fis-16 ta' Ottubru 2015 fetaħ din il-kawża sabiex jottjeni dikjarazzjoni f'dan is-sens, u wkoll sabiex jitħallas għad-danni li allegatament sofra. Sbattax(17)-il ġurnata biss wara, u cioe` fit-2 ta' Novembru 2015, huwa ressaq ukoll kwerela lis-Suprintendent Jeffrey Azzopardi fejn talbu jieħu passi ġudizzjarji għall-ksur ta' bosta disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali marbuta maż-żamma (allegatament arbitrarja) tiegħu.

**28.** Din il-qorti hija tal-istess fehma bħall-ewwel Qorti illi b'dan il-mod li bih ir-rikorrent għażel li jimxi, jidher qed jirrikonoxxi huwa stess illi l-proċeduri maħsuba fil-liġi ordinarja jistgħu jagħtuh ir-rimedju li qed jitlob f'din il-kawża għaliex altrimenti ma jagħmel l-ebda sens li wara li fetaħ il-proċeduri odjerni, ippreżenta l-imsemmija kwerela. Fil-fatt bil-kwerela li għamel ir-rikorrent appellant inbdiet proċedura li setgħet wasslet għat-teħid ta' passi kriminali kontra l-intimat appellat, possibilment anke għal dikjarazzjoni ta' ħtija fir-rigward tal-imġieba tiegħu dakinhar tat-22 ta' Settembru 2015, u anke għal ordni biex il-ħati jħallas id-danni.[32] Veru li wara li saret il-kwerela da parti tar-rikorrent appellant il-Pulizija

[32] Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali

Eżekuttiva ma aġixxietx ġudizzjarjament, iżda għal każ bħal dan jeżisti l-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li l-kwerelant jista' jitlob lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex hija tordna lill-Pulizija biex tmexxi b'tali proċeduri. Fil-fatt jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li l-kwerela kienet tidher *prima facie* ġustifikata hija għandha tilqa' tali talba. Jingħad ukoll li f'każ li hija invece tiċħad tali talba, il-kwerelant għandu anke d-dritt li jappella minnha billi jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali u jitlob it-tħassir jew bdil tad-deċiżjoni.

**29.** Kif jissottomettu wkoll l-intimati appellati, ir-rikorrent kellu wkoll għad-disposizzjoni tiegħu r-rimedju ta' azzjoni ċivili għad-danni.

**30.** Din il-qorti wara li kkonsidrat ir-rimedji ordinarji li r-rikorrent appellant kellu għad-disposizzjoni tiegħu, u wkoll il-kwantum tal-gravita` tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali li allegatament seħħet fil-konfront tiegħu, hija tal-fehma li tali rimedji kienu adekwati biżżejjed biex fl-aħjar ipotesi għalih jirriparaw tali leżjoni. Ma hemmx għalfejn jintwera li dawn ir-rimedji effettivament kienu ser jagħtuh suċċess garantit.

**31.** In vista tas-suespost, ladarba r-rikorrent appellant għażel li ma jirrikorrix għal dawn ir-rimedji ordinarji, l-ewwel Qorti kellha raġun tagħżel li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha biex tisma' l-kawża odjerna mressqa quddiemha

minnu.

Għal dawn il-motivi din il-qorti qegħda tiċħad l-appell tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mir-rikorrent appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb